MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Numru. 895/2003

PULIZIJA
SPETTUR JOSRIC MIFSUD
VS
DARREN ZAMMIT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Darren Zammit, ta’ 26 sena, bin Carmelo u Josephine nee’ Cilia, imwieled Pieta’ nhar il-15 ta’ Settembru 1977 u residenti fil-fond Block 2, Flat 2, Entratura 95, Triq San Gwann, Bormla, u detentur tal-karta tal-identita’ numru 485077(M), u akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar il-31 t’Ottubru 2003, u t-tlett xhur ta’ qabel, gol-Fgura, u fi bnadi ohra f’Malta f’hinijiet differenti:
(a) talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollha bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artiklu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juri li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(b) talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollha bhala bazi din ir-razi, u dan bi ksur tal-Artiklu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) ukoll talli biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollha bhala bazi din ir-raza;

(d) ukoll talli fl-istess hin, data u cirkostanzi, biegh jew offra li jbiegh droga ristretta u psikotropika (ecstasy), kontenenti s-sustanza (methlenedioxyamphetamine) li hija kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-tielet skeda, parti (a) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi, sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

(e) kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tar-regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artiklu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(f) kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tar-regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat, u 40(A) u 120(A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artiklu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;

(g) forna jew ipprokura jew offra li jforni li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga, u minghajr ma kien fil-pussess ta'

awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN292/1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(h) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939, dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN292/1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(i) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzijonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi

(GN292/1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
(j) u akkuzat ukoll talli kkommetta dawn ir-reati f'post, fi jew gewwa centru, u jew f'distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' post fejn jiltaqghu z-zaghzagh, bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghhom.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali (a fol 11) tal-1 ta' Novembru 2003, a tenur tal-Artikolu 120A(2) tal-Kap 31.

Rat il-kontra ordni tal-20 ta' Gunju 2005 (a fol 245), sabiex l-imputat jigi processat quddiem il-Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat tat-2 ta' Mejju 2006 (a fol 260).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli lill-imputat sabiex jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi (c), (d), (e), (f), (g) u (j), b'assorbiment tal-akkuzi (a), (b), (h) u (i), u wara li rat l-Artikolu 17 u 31 tal-Kap 9; Artikolu 8(b), Taqsima III, Taqsima IV, Taqsima VI, Artikoli 22(1)(a), Artikolu 22(2)(b)(i) u l-ahhar proviso tas-subinciz 2 tal-istess Artikolu 22, u Artikolu 29 kollha taht il-Kap 101; Regolamenti 4 u 8 tal-GN 292/1939; Artikoli 40A

u 120A, it-Tielet Skeda tal-Kap 31 u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat; Artikolu 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendat; tikkundannah ghal **tliet snin prigunerija u erba' mitt Lira Maltin (Lm400) multa**. Il-Qorti tordna illi z-zmien li l-imputat qatta' f'arrest preventiv, ghandu jitnaqqas mis-sentenza ta' prigunerija fuq indikata. In oltre, tordna l-konfiska u distruzzjoni tal-oggetti li gew esebiti in atti, li ghandhom x'jaqsmu mad-droga.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-gravita' tal-kaz; it-tip u l-ammont ta' drogi mertu tal-akkuza; l-eta' tal-imputat; l-isforzi li ghamel l-imputat sabiex jeghleb id-dipendenza tieghu fuq id-drogi; ix-xhieda favorevoli tal-Probation Officer Victoria Grech, li turi l-progress li ghamel l-imputat; u l-fatt illi l-imputat jikkwalifika ghal tnaqqis fil-piena ai termini tal-Artikolu 29 tal-Kap 101, skond l-istess dikjarazzjoni in atti tal-Ufficjal Prosekutur fil-verbal tieghu tat-2 ta' Mejju 2006 (a fol 260).

Il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin illi l-imputat Darren Zammit jibbenefika minn program ta' rijabilitazzjoni mid-dipendenza tad-drogi fi hdan l-istess Facilita' Korrettiva, u ghal dan il-ghan, tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-istess Facilita', u dan sabiex il-progress illi rnexxielu jiggwadanja l-imputat ma jintilifx.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------